

Brussell, 13 ta' Frar 2026
(OR. en)

6233/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2024/0311 (COD)**

**CODEC 208
ENT 23
MI 115
CONSUM 41
COMPET 174
PE 24**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2014/32/UE fir-rigward ta' tagħmir tal-provvista tal-vetturi elettriċi, distributori tal-gass ikkumpressat, u arloġġi tal-elettriku, tal-gass u tal-enerġija termali - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strażburgu, mid-9 sat-12 ta' Frar 2026)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u mad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar din il-proposta fl-ewwel qari.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO), Anna CAVAZZINI (Ħodor/AHE, DE) ippreżentat fisem il-Kumitat IMCO emenda ta' kompromess (l-emenda numru 24) għall-proposta għal Direttiva msemmija hawn fuq, li għaliha r-rapporteur Zala TOMAŠIČ (PPE, SI) kienet ħejjiet abbozz ta' rapport. Din l-emenda kienet ġiet maqbula matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Ma tressqet l-ebda emenda oħra.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

II. VOT

Meta vvutat fl-10 ta' Frar 2026, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 24) għall-proposta għal Direttiva msemmija hawn fuq. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness ta' dan id-dokument^{2*}.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien ġie maqbul qabel bejn l-istituzzjonijiet. Għalhekk, il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet mat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

* L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verżjoni EN.

P10_TA(2026)0029

Emenda tad-Direttiva dwar l-Istrumenti tal-Kejl

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Frar 2026 dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/32/UE fir-rigward ta' tagħmir tal-provvista tal-vetturi elettriċi, distributuri tal-gass ikkumpressat, u arloġġi tal-elettriku, tal-gass u tal-enerġija termali (COM(2024)0561 – C10-0205/2024 – 2024/0311(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2024)0561),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0205/2024),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-22 ta' Jannar 2025¹,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-26 ta' Novembru 2025, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A10-0173/2025),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ ĠU C, C/2025/1192, 21.3.2025, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2025/1192/oj>.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Frar 2026 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2026/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/32/UE fir-rigward tas-sistemi tal-kejl għal tagħmir tal-provvista tal-vetturi elettriċi, distributuri tal-gass ikkompresat, u arloġġi tal-elettriku, tal-gass u tal-enerġija termali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja³,

² ĠU C, C/2025/1192, 21.3.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/1192/oj>.

³ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Frar 2026.

Billi:

- (1) Wieħed mill-objettivi tad-Direttiva 2014/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ huwa li jiġi ggarantit il-funzjonament tas-suq intern fir-rigward tal-istrumenti tal-kejl. Skont l-Artikolu 6 ta' dik id-Direttiva, l-istrumenti tal-kejl li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva jridu jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I u fl-Annessi rilevanti speċifiċi għall-istrumenti ta' dik id-Direttiva.

⁴ Id-Direttiva 2014/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għat-tqegħid fis-suq ta' strumenti tal-kejl (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 149, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/32/oj>).

- (2) Il-kamp ta' applikazzjoni u r-rekwiżiti essenzjali assoċjati koperti mid-Direttiva 2014/32/UE kienu ■ stabbiliti mid-Direttiva 2004/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, li tagħha d-Direttiva 2014/32/UE hija riformulazzjoni. ***Ir-rekwiżiti tekniċi*** ilhom l-istess għal iktar minn 20 sena. Sadanittant, fis-suq dehru strumenti tal-kejl ġodda li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/32/UE. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, għal sistemi tal-kejl għal tagħmir tal-provvista tal-vetturi elettriċi (EVSE) u sistemi tal-kejl għal distributuri tal-gass ikkompresat, li huma importanti biex l-iżvilupp tal-mobbiltà nadifa jirnexxi. Barra minn hekk, id-Direttiva 2014/32/UE ma tistabbilix ***ir-rekwiżiti għall-arloġġi*** tal-enerġija termali għall-applikazzjonijiet tat-tkessiħ. Barra minn hekk, b'rabta mal-arloġġi tal-elettriku u tal-gass, id-Direttiva 2014/32/UE ***ma tipprevedix b'mod adegwat l-użu ta' kurrent dirett***, idroġenu jew karburanti tal-gass oħra li jistgħu jintużaw bħala alternattivi għal karburanti tal-gass iktar tradizzjonali, u lanqas ma tippermetti li jittieħed vantaġġ sħiħ mill-kejl intelliġenti li għandu rwol importanti fil-kisba tal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu emendati ***kemm il-kamp*** ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/32/UE ***kif ukoll ir-rekwiżiti*** essenzjali stabbiliti fl-Annessi ta' dik id-Direttiva b'mod immirat sabiex jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi. ***L-introduzzjoni fis-suq tal-istrumenti tal-kejl jenħtieġ li tiġi indirizzata b'mod sistematiku u komprensiv permezz ta' reviżjoni ġenerali tad-Direttiva 2014/32/UE, inkluża reviżjoni tal-Anness I u tal-Annessi speċifiċi għall-istrument, bħall-Anness III li jkopri l-arloġġi tal-ilma, biex il-qafas attwali tal-Unjoni jiġi adattat għall-iżviluppi teknoloġiċi.***

⁵ Id-Direttiva 2004/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-istrumenti tal-kejl (ĠU L 135, 30.4.2004, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2004/22/oj>).

- (3) L-Annessi I, IV, V u VI tad-Direttiva 2014/32/UE jenħtieġ li jiġu emendati peress li ma għadhomx newtrali fir-rigward tat-teknoloġija u ma jipprovdux rekwiżiti essenzjali li jikkorrispondu għal teknoloġiji ġodda, li jipprovdu protezzjoni mtejbja lill-konsumaturi.
- (4) L-Anness I tad-Direttiva 2014/32/UE jenħtieġ li jiġi emendat sabiex iqis l-introduzzjoni ta' arloġġi intelliġenti tal-gass u tal-elettriku u l-istrumenti l-ġodda tal-kejl fl-Annessi l-ġodda speċifiċi għall-istrumenti.
- (5) L-Anness IV tad-Direttiva 2014/32/UE jenħtieġ li jiġi emendat biex iqis l-użu dejjem ikbar tal-idroġenu u ta' **karburanti tal-gass** oħra li jistgħu jintużaw bħala alternattivi għal **karburanti tal-gass** iktar tradizzjonali u **l-introduzzjoni** tal-arloġġi intelliġenti tal-gass.
- (6) L-Anness V tad-Direttiva 2014/32/UE jenħtieġ li jiġi emendat biex titqies l-introduzzjoni ta' arloġġi intelliġenti tal-elettriku u biex dik id-Direttiva tiġi aġġornata fir-rigward **tal-istrumenti li jkejlu l-kurrent dirett**.

- (7) Anness ġdid tad-Direttiva 2014/32/UE jenħtieġ li jiddaħħal sabiex jindirizza l-ħtieġa għal rekwiżiti essenzjali armonizzati fir-rigward tas-sistemi tal-kejl għall-EVSE, ***irrispettivament mill-applikazzjoni maħsuba tagħhom, filwaqt li jiġi żgurat li ma jiġu imposti l-ebda obbligi ta' modifiki retroattivi fir-rigward ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar eżistenti.***
- (8) L-Anness VI tad-Direttiva 2014/32/UE jenħtieġ li jiġi emendat biex jinkludi l-arloġġi tal-enerġija termali għall-applikazzjonijiet tat-tkessiħ sabiex tiġi evitata ċertifikazzjoni addizzjonali għal tali prodotti fil-livell nazzjonali.
- (9) Iż-żieda fl-użu tal-gassijiet ikkompresati, bħall-idroġenu u l-gass naturali, tirrikjedi li jiddaħħal anness ġdid tad-Direttiva 2014/32/UE fir-rigward ta' sistemi tal-kejl għal distributuri tal-gass ikkompresat, ***filwaqt li jiġi żgurat li ma jiġu imposti l-ebda obbligi ta' modifiki retroattivi fir-rigward ta' distributuri tal-gass ikkompresat eżistenti.***
- (10) Minħabba li l-oġjettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġi żgurat li l-istrumenti tal-kejl fis-suq intern jissodisfaw ir-rekwiżiti rigward il-provvediment ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-interessi pubbliċi kif stabbilit f'din id-Direttiva filwaqt li jiġi ggarantit il-funzjonament tas-suq intern, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-oġjettiv.

- (11) Sabiex *l-operaturi ekonomiċi* jkunu jistgħu jfornu stokks ta' strumenti tal-kejl li jkunu ***konformi mad-Direttiva 2014/32/UE***, huwa meħtieġ li jiġu previsti arranġamenti tranżizzjonali raġonevoli li jippermettu t-tqegħid fis-suq u t-tidħil fl-użu ta' strumenti tal-kejl li diġà ġew introdotti fis-suq f'konformità ma' dik id-Direttiva qabel id-data tal-applikazzjoni tal-miżuri nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti arranġamenti tranżizzjonali speċifiċi biex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jħejju għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti armonizzati rigward is-sistemi tal-kejl għall-EVSE u s-sistemi tal-kejl għad-distributuri tal-gass ikkompresat.***
- (12) ***Sabiex jiġi evitat kwalunkwe dewmien fl-introduzzjoni tal-istrumenti tal-kejl wara d-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, huwa importanti li, sad-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, għadd suffiċjenti ta' korpi tal-valutazzjoni tal-konformità jkunu awtorizzati jwettqu l-valutazzjonijiet tal-konformità filwaqt li japplikaw ir-rekwiżiti l-ġodda għall-istrumenti tal-kejl u għaldaqstant jiġu notifikati lill-Kummissjoni skont dan. Għall-istess raġuni, tali korpi notifikati jenħtieġ li jkunu jistgħu joħorġu ċertifikati għall-istrumenti tal-kejl definiti fl-Annessi II, III u V ta' din id-Direttiva speċifiċi għall-istrumenti qabel id-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.***

- (13) Sabiex il-manifatturi jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw il-prodotti tagħhom għar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Annessi ta' din id-Direttiva, huwa meħtieġ li jiġu previsti arranġamenti tranżizzjonali raġonevoli li jippermettu t-tqegħid fis-suq u t-tidħil fl-użu ta' strumenti tal-kejl li ġew introdotti fis-suq li għalihom inħarġu ċertifikati nazzjonali jew li għalihom inħareġ ċertifikat skont id-Direttiva 2014/32/UE qabel id-data tal-applikazzjoni tal-miżuri nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva, u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/32/UE mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.
- (14) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2014/32/UE tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2014/32/UE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Din id-Direttiva tapplika għall-istrumenti tal-kejl definiti fl-Annessi III sa XII speċifiċi għall-istrument, (Annessi speċifiċi għall-istrument) li jirrigwardaw l-arloġġi tal-ilma (MI-001), l-arloġġi tal-gass u l-apparat tal-konverżjoni (MI-002), l-arloġġi tal-enerġija elettrika attiva (MI-003), is-sistemi tal-kejl għal tagħmir tal-provvista tal-vetturi elettriċi (EVSE) (MI-011), l-arloġġi tal-enerġija termali (MI-004), is-sistemi tal-kejl għall-kejl kontinwu u dinamiku ta' kwantitajiet ta' likwidi oħra għajr l-ilma (MI-005), is-sistemi tal-kejl għad-distributuri tal-gass ikkompresat (MI-012), l-istrumenti awtomatiċi tal-kejl (MI-006), il-meters tat-taxi (MI-007), kejl tal-materjali (MI-008), l-istrumenti tal-kejl dimensjonali (MI-009) u l-analizzaturi tal-gassijiet mit-tubi tal-emissjoni (MI-010).";

(2) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' din id-Direttiva;

(3) L-Anness IV huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' din id-Direttiva;

(4) L-Anness V huwa emendat f'konformità mal-Anness III ta' din id-Direttiva;

- (5) it-test stabbilit fl-Anness IV ta' din id-Direttiva jiddaħħal bħala l-Anness Va;
- (6) L-Anness VI huwa emendat f'konformità mal-Anness V ta' din id-Direttiva;
- (7) it-test stabbilit fl-Anness VI ta' din id-Direttiva jiddaħħal bħala l-Anness VIIa.

Artikolu 2

1. B'deroga mill-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2014/32/UE, l-Istati Membri ma għandhomx ifixklu t-tqegħid fis-suq u t-tidħil fl-użu ta' strumenti tal-kejl li jkunu f'konformità **ma' dik id-Direttiva** fi ... [jum qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva **emendatorja**], u li jkunu ġew introdotti fis-suq qabel ... [30 xahar ■ mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva **emendatorja**].
2. ***B'deroga mill-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2014/32/UE, l-Istati Membri ma għandhomx ifixklu t-tqegħid fis-suq u t-tidħil fl-użu ta' strumenti tal-kejl definiti fl-Annessi Va u VIIa ta' dik id-Direttiva, kif emendata fi ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], li jkunu konformi mal-liġi nazzjonali ta' Stat Membru u li jkunu ġew introdotti fis-suq qabel ... [erba' snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]***

3. B'deroga mill-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2014/32/UE, iċ-ċertifikati ■ li jkopru l-istrumenti tal-kejl li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva, ***kif emendata fi ...*** [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din ***id-Direttiva emendatorja***], ***kemm jekk dawk iċ-ċertifikati jinħarġu skont il-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 2014/32/UE kif ukoll jekk jinħarġu skont liġi nazzjonali oħra***, qabel ... [30 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva ***emendatorja***], għandhom jibqgħu validi sal-iskadenza tal-validità tagħhom, u fi kwalunkwe każ mhux iktar tard minn ... [12-il sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva ***emendatorja***].

Artikolu 3

1. Sa ... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], l-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw il-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri minn ... [**30** xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew jinkludu referenza għaliha meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 4

B'deroga mid-Direttiva 2014/32/UE, il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità li jikkonformaw ma' dik id-Direttiva, kif emendata fi ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], jistgħu jiġu notifikati f'konformità ma' dik id-Direttiva, kif emendata fi [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], qabel ... [id-data ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva emendatorja]. Tali korpi notifikati jistgħu jwettqu l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità stipulati f'dik id-Direttiva, kif emendata fi ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], u joħorġu ċertifikati għall-istrumenti tal-kejl definiti fl-Annessi II, III u V ta' din id-Direttiva f'konformità ma' dik id-Direttiva kif emendata fi ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], qabel [id-data ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva emendatorja].

Artikolu 5

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX I

L-Anness I tad-Direttiva 2014/32/UE huwa emendat kif ġej:

- (1) fil-parti "DEFINIZZJONIJIET", *fit-tabella, is-seba' ringiela* , *it-tieni kolonna, it-tielet inċiż huwa sostitwit* b'dan li ġej:

"

- *il-partijiet kollha fit-tranżazzjoni jaċċettaw ir-riżultat tal-kejl f'dak il-ħin u post; b'deroga, għas-sistemi tal-kejl għal tagħmir tal-provvista tal-vetturi elettriċi (EVSE) u għas-sistemi tal-kejl għad-distributuri tal-gass ikkompresat, il-partijiet kollha fit-tranżazzjoni jaċċettaw ir-riżultat tal-kejl fil-ħin li jiġi konkluż il-kejl."*

- (2) il-parti "REKWIŻITI ESSENZJALI" hija emendata kif ġej:

- (a) il-punt 10.2. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"10.2. L-indikazzjoni ta' kwalunkwe riżultat għandha tkun ċara u mhux ambigwa u akkumpanjata mill-marki u l-iskrizzjonijiet neċessarji biex l-utent ikun infurmat dwar is-sinifikat tar-riżultat. Qari faċli tar-riżultat ippreżentat għandu jkun permess taħt kundizzjonijiet normali tal-użu. Indikazzjonijiet addizzjonali jistgħu jintwerew dment li dawn ma jkunux jistgħu jiġu konfużi mal-indikazzjonijiet ikkontrollati metroloġikament. *Barra minn hekk, għall-arloġġi tal-gass u għall-arloġġi tal-elettriku, għas-sistemi tal-kejl għall-EVSE u għas-sistemi tal-kejl għad-distributuri tal-gass ikkompresat, l-indikazzjoni ta' kwalunkwe riżultat għandha tiġi protetta kontra tħassir jew modifika aċċidentali."*

(b) j iżdied il-punt [] li ġej:

"10.6. B'deroga mill-punti 10.1. u 10.5., għall-arloġġi tal-gass u **għall-arloġġi** tal-elettriku, [] għandhom japplikaw dawn li ġejjin:

L-indikazzjoni tar-riżultat tal-kejl u data oħra rilevanti għal dak ir-riżultat għandhom ikunu aċċessibbli mingħajr għodod permezz ta' mezz wieħed jew iktar minn dawn li ġejjin [] :

(a) *unità tal-wiri, forma stampata jew forma rreġistrata kkontrollati metroloġikament [] ;*

(b) [] *unità tal-wiri remota [] .*

B'deroga mill-punti 10.1. u 10.5., għas-sistemi tal-kejl għall-EVSE u għas-sistemi tal-kejl għad-distributuri tal-gass ikkompresat, għandhom japplikaw dawn li ġejjin:

L-indikazzjoni tar-riżultat tal-kejl u data oħra rilevanti għal dak ir-riżultat għandhom ikunu aċċessibbli mingħajr għodod permezz ta' mezz wieħed jew iktar minn dawn li ġejjin:

(a) *unità tal-wiri, forma stampata jew forma rreġistrata kkontrollati metroloġikament;*

(b) *unità tal-wiri remota; jew*

(c) *apparat għall-konsumatur jew għall-utent aħħari.*

Ir-riżultat tal-kejl imsemmi f'dan il-punt għandu jkun traċċabbli għall-istrument tal-kejl taħt kontroll metroloġiku. F'każ li jseħħ xi tbaġħbis, il-miżuri tas-sigurtà għandhom jipprovdu evidenza ta' tali tbaġħbis.

Dak ir-riżultat tal-kejl [] għandu jservi bħala l-bażi għall-prezz li jrid jitħallas, **jekk** applikabbli."

[]

ANNEX II

L-Anness IV tad-Direttiva 2014/32/UE huwa emendat kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ARLOĠĠI TAL-GASS U L-APPARAT TAL-KONVERŻJONI (MI-002)";

(2) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Ir-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fl-Anness I, ir-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti f'dan l-Anness u l-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità elenkati f'dan l-Anness japplikaw għall-arloġġi tal-gass u għall-apparat tal-konverżjoni definiti f'dan l-Anness, maħsuba għal użu residenzjali, kummerċjali u industrijali ħafif.";

(3) fil-parti "DEFINIZZJONIJIET", it-tabella hija emendata kif ġej:

(a) fl-ewwel ringiela, ***it-tieni kolonna*** hija sostitwita b'dan li ġej:

"Strument iddisinjat biex ikejjel ***u jiżgura l-memorizzazzjoni u l-wiri tal-kwantità*** tal-karburant tal-gass (il-volum jew il-massa) ■ li tkun għaddiet minn dak l-istrument ***u, jekk applikabbli, il-kwantità tal-enerġija tiegħu.***";

(b) fit-tieni ringiela, l-ewwel kolonna *hija sostitwita* b'dan li ġejj:

"Apparat tal-konverżjoni tal-volum;"

(c) jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

"Apparat li jiddetermina l-valur kalorifiku tal-gass	Strument <i>konness mal-apparat tal-konverżjoni tal-enerġija jew integrat fih</i> għad-determinazzjoni tal-valur kalorifiku tal-gass li jkun għadda <i>minn dak l-istrument</i> .
Apparat tal-konverżjoni tal-enerġija	Apparat li <i>jikkonverti l-kwantità mkejla f'enerġija</i> billi juża l-massa jew il-volum fil-kundizzjonijiet bażi, u l-valur kalorifiku superjuri/gross.
Valur kalorifiku superjuri/gross	L-ammont ta' sħana li tiġi rilaxxata mill-kombustjoni kompleta bl-ossiġenu ta' kwantità speċifikata ta' gass, b'tali mod li l-pressjoni, p_1 , li fiha sseħħ ir-reazzjoni tibqa' kostanti, u l-prodotti kollha tal-kombustjoni jerġgħu lura għall-istess temperatura speċifikata, t_1 , ugwali għal dik tas-sustanzi reattivi, fejn daww il-prodotti kollha jkunu fl-istat gassuż, ħlief l-ilma, li jiġi kkondensat għall-istat likwidu f' t_1 .";

(4) il-Parti I hija emendata kif ġej:

(a) il-punt 1.1. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.1. Il-firxa tar-rata tal-fluss tal-gass għandha tissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:

Klassi	Q_{\max}/Q_{\min}	Q_{\max}/Q_t	Q_r/Q_{\max}
1,5	≥ 150	≥ 10	1,2
1,0	≥ 10	≥ 5	1,2

Jekk arloġġ tal-gass ikollu diversi firxiet tar-rata tal-fluss dipendenti mill-applikazzjoni tal-gass, **tali firxiet tar-rata tal-fluss** għandhom jiġi skritti fuq l-arloġġ, akkumpanjati minn deskrizzjoni ċara tal-applikazzjoni tal-gass.";

(b) **il-punt 3.1.1.**, is-sentenza introduttorja ■ hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-effett ta' interferenza elettromanjetika fuq arloġġ tal-gass, apparat tal-konverżjoni jew apparat li jiddetermina l-valur kalorifiku tal-gass għandu jkun tali li:";

(c) fil-punt 6, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Il-kwantità tal-enerġija għandha tintwera f'joules jew f'watt-sigħat **jew il-multipli deċimali tagħhom**.";

(5) il-Parti II hija emendata kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"IR-REKWIŻITI SPEĊIFIĊI

L-APPARATI TAL-KONVERŻJONI";

(b) l-ewwel **■** u **t-tieni paragrafi** huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Apparat tal-konverżjoni jikkostitwixxi subassemblaġġ meta jkun flimkien ma' strument tal-kejl li miegħu jkun kompatibbli.

Għal apparat tal-konverżjoni, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti essenzjali għal arloġġ tal-gass, jekk applikabbli. ***Barra minn hekk, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 7 sa 9.***";

(c) il-punt 8 huwa emendat b'dan li ġej:

"L-iżbalji massimi permissibbli (ŻMP) għall-apparati tal-konverżjoni tal-volum

— 0,5 % f'temperatura ambjentali $20\text{ }^{\circ}\text{C} \pm 3\text{ }^{\circ}\text{C}$, umdità tal-ambjent $60\% \pm 15\%$, valuri nominali tal-provvista tal-enerġija;

— 0,7 % għall-apparat tal-konverżjoni tat-temperatura f'kundizzjonijiet operattivi stipulati;

— 1 % għall-apparat l-ieħor tal-konverżjoni f'kundizzjonijiet operattivi stipulati.

Nota:

L-iżbalji tal-arloġġ tal-gass u, jekk applikabbli, tal-apparat li jiddetermina l-valur kalorifiku tal-gass ma jitqisux.

L-apparat tal-konverżjoni ma għandux jisfrutta ż-ŻMP jew jivvantaġġa sistematikament lil xi parti.";

(d) jiddaħħal il-punt li ġej:

"8a. Iż-ŻMP għall-apparati tal-konverżjoni tal-enerġija

Iż-ŻMP tal-kalkolu tal-konverżjoni tal-enerġija huwa ugwali għal 0,05 %."

(6) tiddaħħal il-Parti IIa li ġejja:

"PARTI IIa

IR-REKWIŻITI SPEĊIFIĊI

L-APPARATI LI JIDDETERMINAW IL-VALUR KALORIFIKU TAL-GASS

Apparat li jiddetermina l-valur kalorifiku tal-gass ***jibgħat, b'mod lokali jew remot, sinjali lill-apparat tal-konverżjoni tal-enerġija.***

Għal apparat li jiddetermina l-valur kalorifiku tal-gass, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti essenzjali għal arloġġ tal-gass, jekk applikabbli. Barra minn hekk, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 9a sa 9f.

9a. Il-kundizzjonijiet bażi għall-kwantitajiet maqluba

Il-manifattur għandu jispeċifika dan li ġej:

- il-firxa għall-kompożizzjoni kimika tal-gass;
- il-kundizzjonijiet bażi għall-valur kalorifiku u l-kwantitajiet maqluba.

9b. Iż-ŻMP

Klassi	0,5	1,0
Iż-ŻMP	0,5 %	1,0 %

L-apparat li jiddetermina l-valur kalorifiku tal-gass ma għandux jisfrutta ż-ŻMP jew jivvantaġġa sistematikament lil xi parti.

9c. L-effett permissibbli tal-interferenzi

Il-valur kritiku tal-bidla jkun l-ikbar wieħed miż-żewġ valuri li ġejjin:

- għoxrin fil-mija tal-kobor taż-ŻMP għall-valur kalorifiku;
- żewġ intervalli fl-iskala tal-apparat li jiddetermina l-valur kalorifiku tal-gass.

9d. It-tul taż-żmien li fih jibqa' jaħdem tajjeb

Wara li jkun twettaq test xieraq tat-tul taż-żmien li fih jibqa' jaħdem tajjeb, li jqis il-perjodu ta' żmien stmat mill-manifattur, għandhom jiġu ssodisfati l-kriterji li ġejjin:

- il-varjazzjoni fir-riżultat tal-kejl wara t-test tat-tul taż-żmien li fih jibqa' jaħdem tajjeb, meta mqabbel mar-riżultat inizjali tal-kejl, ma għandhiex taqbeż nofs il-kobor taż-ŻMP; **u**
- l-iżball tal-indikazzjoni wara t-test tat-tul taż-żmien li fih jibqa' jaħdem tajjeb ma għandux jaqbeż iż-ŻMP.

9e. L-adeqwatezza

Apparat li jiddetermina l-valur kalorifiku tal-gass għandu jkun kapaċi jidentifika meta jkun qed jaħdem barra l-firxiet operattivi ddikjarati mill-manifattur u għall-eżattezza tal-kejl għandu jirreġistra dan li ġej:

- (a) li l-valur kalorifiku tal-gass ma jkunx rilevanti; u
- (b) li l-apparat li jiddetermina l-valur kalorifiku tal-gass jaħdem barra l-firxa operattiva.

9f. L-unitajiet

Il-valur kalorifiku għandu jintwera f'joules u/jew watt-siġhat, **jew il-multipli deċimali taqħhom**, għal kull unità ta' massa jew volum f'kundizzjonijiet bażi."

ANNEX III

L-Anness V tad-Direttiva 2014/32/UE huwa emendat kif ġej:

(1) il-parti "ID-DEFINIZZJONIJIET" hija emendata kif ġej:

(a) is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Arloġġ tal-enerġija elettrika attiva huwa strument *iddisinjat biex ikejjel u jiżgura l-memorizzazzjoni u l-wiri tal-enerġija* elettrika attiva kkunsmata f'ċirkwit jew ittrasferita bejn iċ-ċirkwiti.";

(b) it-tabella hija emendata kif ġej:

(i) it-tielet u r-raba' **ringieli** huma sostitwiti b'dan li ġej:

I_{st}	=	<i>il-valur l-iktar baxx ta' I ddikjarat li fih l-arloġġ jirreġistra l-enerġija elettrika attiva, u, għall-AC biss, anki fil-fattur tal-enerġija tal-unità (sistemi tal-kejl polifażi b'tagħbija bbilanċjata);</i>
I_{min}	=	<i>il-valur ta' I li 'l fuq minnu l-iżball ikun jinsab fiż-ŻMP, u, għall-AC biss, anki sistemi tal-kejl ta' arloġġi polifażi b'tagħbija bbilanċjata;</i>

(ii) id-disa' ringiela u l-ħdax-il ringiela huma sostitwiti b'dan li ġej:

f	=	il-frekwenza tal-vultaġġ fornut lill-arloġġ, għall-arloġġi tal-enerġija elettrika AC biss;
f_n	=	il-frekwenza ta' referenza speċifikata, għall-arloġġi tal-enerġija elettrika AC biss;
PF	=	fattur tal-enerġija = $\cos\phi$ = il-cosine tad-differenza tal-fażi ϕ bejn I u U, għall-arloġġi tal-enerġija elettrika AC biss.";

(2) il-parti "IR-REKWIŻITI SPEĊIFIĊI" hija emendata kif ġej:

(a) fil-punt 2, l-aħħar żewġ paragrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Il-firxiet operattivi li fihom l-arloġġ għandu jissodisfa r-rekwiżiti taż-ŻMP huma speċifikati fit-Tabella 2.

Għall-arloġġi tal-enerġija elettrika AC, il-firxiet tal-vultaġġ, tal-frekwenza u tal-fattur tal-enerġija għandhom ikunu mill-inqas:

- $0,9 U_n \leq U \leq 1,1 \cdot U_n$;
- $0,98 f_n \leq f \leq 1,02 f_n$;
- $0,5 \text{ induttiv} \leq PF \leq 1$ u $0,8 \text{ kapaciattiv} \leq PF \leq 1$.

Għall-arloġġi tal-enerġija elettrika DC, il-firxa tal-vultaġġ li tista' titkejjel mill-arloġġ għandha tkun bejn l-inqas u l-ogħla vultaġġ stipulat.";

(b) fil-punt 3, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta l-arloġġ ikun qed jopera taħt kundizzjonijiet operattivi stipulati, l-iżbalji perċentwali ma għandhomx jaqbżu l-limiti mogħtija fit-Tabella 2.";

(c) fil-punt 3, it-Tabella 2 hija emendata kif ġej:

(i) fit-tielet ringiela, il-ħames kolonna hija sostitwita b'dan li ġej:

"taħt $-25\text{ }^{\circ}\text{C}$ jew 'il fuq minn $+55\text{ }^{\circ}\text{C}$ ";

(ii) *il-ħames ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:*

"L-arloġġ b'fażi waħda; l-arloġġ polifażi jekk ikun qiegħed jaħdem b'tagħbijiet ibbilanċjati; l-arloġġ tal-enerġija elettrika DC";

(d) fil-punt 4.1., ***l-ewwel u t-tieni*** paragrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Billi l-arloġġi tal-enerġija elettrika huma mqabnda direttament mal-provvista tal-elettriku u billi l-kurrent huwa wkoll wieħed mill-miżurandi, jintuża ambjent elettromanjetiku speċjali għall-arloġġi tal-enerġija elettrika.

L-arloġġ għandu jikkonforma mal-ambjent elettromanjetiku E2 għall-arloġġi tal-enerġija elettrika AC u għall-arloġġi tal-enerġija elettrika DC, kif ukoll mar-rekwiżiti addizzjonali ***stabbiliti*** fil-punti 4.2. u 4.3.";

█

(e) fil-punt 4.2, it-Tabella 3 hija emendata kif ġej:

(i) *it-tielet ringiela, l-ewwel kolonna hija sostitwita b'dan li ġej:*

"Is-sekwenza tal-fażi bil-maqlub, għall-arloġġi tal-enerġija elettrika AC;

(ii) il-ħames ringiela, l-ewwel kolonna hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-kontenut armoniku fiċ-ċirkwiti tal-kurrent (¹) għall-arloġġi tal-enerġija elettrika AC biss";

(iii) is-sitt ringiela, l-ewwel kolonna hija sostitwita b'dan li ġej:

"Id-DC u l-armoniki fiċ-ċirkwit tal-kurrent (¹) għall-arloġġi tal-enerġija elettrika AC biss";

(f) il-punti 5.4. u 5.5. huma sostitwiti b'dan li ġej:

"5.4. It-tħaddim mingħajr output

Meta l-vultaġġ jiġi applikat mingħajr ebda fluss ta' kurrent fiċ-ċirkwit tal-kurrent, l-arloġġ ma għandu jirreġistra l-ebda enerġija.

5.5. Il-bidu tat-tħaddim (l-istartjar)

L-arloġġ għandu jibda u jkompli jirreġistra b'rata ta' bidla ta' enerġija ugwali għall-prodott tal-iżgħar vultaġġ fil-kundizzjonijiet operattivi stipulati u I_{st} ."

ANNEX IV

"ANNEX Va

IS-SISTEMI TAL-KEJL GĦAL TAGĦMIR TAL-PROVVISTA TAL-VETTURI ELETTRIĊI (MI-011)

Ir-rekwiżiti rilevanti tal-Anness I, ir-rekwiżiti speċifiċi ta' dan l-Anness u l-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità elenkati f'dan l-Anness japplikaw għas-sistemi tal-kejl għall-EVSE .

ID-DEFINIZZJONIJIET

Sistema tal-kejl għall-EVSE hija sistema li tinkludi l-funzjonijiet metroloġiċi rilevanti kollha relatati mat-trasferiment *konduttiv* (kwalunkwe direzzjoni), fpunt tat-trasferiment speċifikat, tal-enerġija elettrika *attiva* bejn l-EVSE (bħall-istazzjonijiet tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi) u l-vetturi elettriċi (*bħal vetturi bil-mutur, magni ferrovjarji, dgħajjes, bastimenti u inġenji tal-ajru*).

■ Tali sistemi tal-kejl ma għandhomx jitqiesu bħala strumenti tal-kejl tal-utilitajiet *kif imsemmi fl-Anness I*.

Il-funzjonijiet metroloġiċi f'sistema tal-kejl għall-EVSE jistgħu jiġu pprovduti wkoll minn arloġġ tal-enerġija elettrika attiva li għalih tkun tlestiet b'suċċess proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità skont l-Anness V ta' din id-Direttiva. Ir-riżultat ta' dik il-valutazzjoni tal-konformità għandu jitqies meta titwettaq il-valutazzjoni tal-konformità għas-sistema tal-kejl għall-EVSE kif stabbilit f'dan l-Anness.

I	=	il-kurrent elettriku li jgħaddi mis-sistema tal-kejl għall-EVSE fil-punt tat-trasferiment;
I_{st}	=	l-iktar valur baxx iddikjarat ta' I li fih is-sistema tal-kejl għall-EVSE tirreġistra l-enerġija elettrika, u , għall-AC biss , anki fil-fattur tal-enerġija tal-unità (sistemi tal-kejl polifazi b'tagħbija bbilanċjata);
I_{min}	=	il-valur ta' I li 'l fuq minnu l-iżball ikun jinsab fil-limiti tal-iżbalji massimi permissibbli bażi (ŻMPB) , u, għall-AC biss, anki sistemi tal-kejl polifazi b'tagħbija bbilanċjata;
I_{tr}	=	il-valur ta' I li 'l fuq minnu l-iżball ikun jinsab fil-limiti tal-iżgħar ŻMPB korrispondenti għall-indiċi tal-klassi tas-sistema tal-kejl għall-EVSE;

I_{\max}	=	il-valur massimu ta' I li għalih l-iżball ikun jinsab fil-limiti taż-ŻMPB ;
U	=	għal AC, il-valur tal-għerq tal-medja tal-kwadrati (RMS) tal-vultaġġ elettriku applikat mis-sistema tal-kejl jew lilha għall-EVSE fil-punt tat-trasferiment; għal DC, il-valur tal-vultaġġ elettriku fornut lis-sistema tal-kejl jew minnha għall-EVSE fil-punt tat-trasferiment;
U_n	=	il-vultaġġ(i) ta' referenza speċifikat(i);
f	=	il-frekwenza tal-vultaġġ fornut mis-sistema tal-kejl jew lilha għall-EVSE, għas-sistemi tal-kejl AC biss;
f_n	=	il-frekwenza ta' referenza speċifikata, għal sistemi tal-kejl AC biss;

PF	=	fattur tal-enerġija = $\cos\phi$ = il-cosine tad-differenza tal-fażi ϕ bejn I u U, għas-sistemi tal-kejl AC biss;
I	I	I
armonika	=	parti minn sinjal li għandu frekwenza li hija numru sħiħ multiplu tal-frekwenza fundamentali tal-input tal-enerġija fis-sistema tal-kejl għall-EVSE, fejn il-frekwenza fundamentali tkun, ġeneralment, il-frekwenza nominali, f_n , għas-sistemi tal-kejl AC biss;
d	=	fattur ta' distorsjoni li huwa l-proporzjon tal-valur tal-RMS tal-kontenut armoniku I għall-valur tal-RMS tat-terminu fundamentali, u li huwa ugwali għad-distorsjoni armonika totali bl-użu tal-fundamentali bħala r-referenza, <i>għal sistemi tal-kejl AC biss</i> ;

MMQ	=	il-kwantità minima mkejla ta' enerġija fornuta fi tranżazzjoni li għaliha l-manifattur jispeċifika li s-sistema tal-kejl għall-EVSE se tissodisfa ż-ŻMP tas-sistema tal-kejl għall-klassi ta' eżattezza tal-EVSE;
punt tat-trasferiment	=	il-punt li fih vettura elettrika tkun imqabba <i>mas-sistema tal-kejl għall-EVSE</i> ;
<i>ħsara kritika</i>	=	<i>nuqqas tal-apparat meta jkun soġġett għal interferenza li fihal-apparat ikun jidher li qed jiffunzjona b'mod korrett, iżda fejn id-data legalment rilevanti ma tkunx korretta jew iċ-ċaqliq fl-eżattezza tal-kejl jaqbeż dak speċifikat fit-testijiet;</i>
<i>Żball Massimu Permissibbli Bażi (ŻMPB)</i>	=	<i>valuri estremi tal-iżball (ta' indikazzjoni) tas-sistema ta' kejl għall-EVSE, meta l-kurrent (AC EVSE u DC EVSE) u l-vultaġġ (DC EVSE) ikunu varjati fil-limiti tal-intervalli mogħtija mill-kundizzjonijiet operattivi stipulati, u meta dak l-EVSE jitħaddem mod ieħor fil-kundizzjonijiet ta' referenza.</i>

IR-REKWIŻITI SPEĊIFIĊI

1. L-eżattezza

Il-manifattur għandu jispeċifika l-indiċi tal-klassi tas-sistema tal-kejl għall-EVSE. L-indiċijiet tal-klassi huma definiti bħala: Il-Klassi A, B u C.

L-eżattezza għandha tiġi ddeterminata fil-punt tat-trasferiment.

Jekk l-enerġija skambjata fil-punt tat-trasferiment tkun fil-forma ta' DC, allura l-enerġija DC għandha tkun il-miżurand; jekk l-enerġija AC tiġi skambjata fil-punt tat-trasferiment, allura l-enerġija *attiva* AC għandha tkun il-miżurand.

Għall-finijiet tal-Anness I, iż-ŻMP kumplessiv għandu jiġi ddeterminat bħala l-għerq tas-somma kwadratika taż-ŻMPB u ċ-ċaqliq permissibbli tal-iżbalji għall-varjazzjonijiet fil-frekwenza, fil-vultaġġ u fit-temperatura.

2. Il-kundizzjonijiet operattivi stipulati

Il-manifattur għandu jispeċifika l-kundizzjonijiet operattivi stipulati tas-sistema tal-kejl għall-EVSE, b'mod partikolari, il-valuri ta' f_n , U_n , I_{st} , I_{min} , I_{tr} u I_{max} , ***il-firxa tat-temperatura, u, għal sistemi tal-kejl DC, anki l-firxa tal-vultaġġ tal-output.***

Għall-valuri tal-kurrent speċifikati, is-sistema tal-kejl għall-EVSE għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet mogħtija fit-Tabella 1.

■ Tabella 1

	<i>Il-Klassi A</i>	<i>Il-Klassi B</i>	<i>Il-Klassi C</i>
I_{st}	$\leq 0,05 \times I_{tr}$	$\leq 0,04 \times I_{tr}$	$\leq 0,04 \times I_{tr}$
I_{min}	$\leq 0,5 \times I_{tr}$	$\leq 0,5 \times I_{tr}$	$\leq 0,3 \times I_{tr}$
I_{max}	$\geq 10 \times I_{tr}$	$\geq 10 \times I_{tr}$	$\leq 10 \times I_{tr}$

Il-firxiet tal-vultaġġ, tal-frekwenza u tal-fattur tal-enerġija li fihom is-sistema tal-kejl għall-EVSE għandha tissodisfa r-rekwiżiti **taż-ŻMPB** huma speċifikati fit-Tabella 2.

Għas-sistemi tal-kejl AC:

- (a) il-firxiet tal-vultaġġ, tal-frekwenza u tal-fattur tal-enerġija għandhom ikunu mill-inqas:
 - (i) $0,9 U_n \leq U \leq 1,1 \cdot U_n$;
 - (ii) $0,98 f_n \leq f \leq 1,02 \cdot f_n$;
 - (iii) $PF \geq 0,9$;
- (b) is-sistema tal-kejl għall-EVSE għandha topera b'mod korrett meta d-distorsjoni tal-vultaġġ tal-provvista tkun inqas minn 10 % u d-distorsjoni tal-kurrent tat-tagħbija tkun inqas minn 3 % fl-indiċijiet armoniċi kollha;
- (c) l-MMQ għandha tkun: $MMQ \leq 0,1 \text{ kWh}$.

Għas-sistemi tal-kejl DC, għandu japplika dan li ġej:

- (a) il-firxa tal-vultaġġ *tal-output li jista' jitkejjel mis-sistema tal-kejl għall-EVSE* għandha tkun bejn il-vultaġġ tal-output *stipulat* l-iktar baxx u dak l-iktar għoli;

■

- (b) l-MMQ għandha tkun: $MMQ \leq 1 \text{ kWh}$.

■

3. Iż-ŻMPB

Meta *l-kurrent (sistemi tal-kejl AC u sistemi tal-kejl DC) u l-vultaġġ (sistemi tal-kejl DC) jiġu varjati fil-limiti tal-intervalli mogħtija mill-kundizzjonijiet operattivi stipulati, u meta* s-sistema tal-kejl għall-EVSE tkun qed *tiġi operata mod ieħor* fil-kundizzjonijiet *ta' referenza*, l-iżbalji perċentwali ma għandhomx jaqbżu l-limiti mogħtija fit-Tabella 2 għall-indiċi tal-klassi speċifikat.

Tabella 2

		Iż-ŻMPB f'perċentwali fil-kundizzjonijiet <i>ta' referenza</i> u fil-livelli definiti tal-kurrent tat-tagħbija		
Il-kurrent	Fattur tal-enerġija (<i>għall-AC biss</i>)	A (2 %)	B (1 %)	C (0,5 %)
$I_{st} \leq I < I_{min}$	> 0,9	± 25	± 15	± 10
$I_{min} \leq I < I_{tr}$	> 0,9	± 2,5	± 1,5	± 1
$I_{tr} \leq I < I_{max}$	> 0,9	± 2	± 1	± 0,5

Is-sistema tal-kejl għall-EVSE ma għandhiex tisfrutta ż-ŻMPB jew tivvantaġġa sistematikament lil xi parti.

4. Ir-rekwiżiti operattivi

Għas-sistemi tal-kejl għall-EVSE li jinkludu kejbil **bil-konnettur** tiegħu bejn **il-punt** li **fih** titkejjel l-enerġija u l-punt tat-trasferiment ("kejbil b'konnettur"), għandu **japplika** wieħed minn dawn li ġejjin:

- (a) **il-kejbil b'konnettur** ma **jkunx** sostitwibbli u **jkun issigurat** b'siġill xieraq ta' hardware; **jew**

- (b) jekk *il-kejbil b'konnettur ikun maħsub* biex ikun sostitwibbli waqt li s-sistema tal-kejl għall-EVSE tkun taħt siġill, *dan għandu jkun*:
- *identifikat fil-valutazzjoni tal-konformità rilevanti tas-sistema tal-kejl għall-EVSE bħala interkambjabbli u s-sistema tal-kejl għall-EVSE għandha tkun immarkata bil-karatteristiċi tal-kejbils kompatibbli mal-konnetturi;*
 - *immarkat bil-karatteristiċi u bl-identifikazzjoni unika tiegħu; u l-unitajiet ta' sostituzzjoni tiegħu għandu jkollhom ukoll tali marka; u*
 - *issiġillat separatament b'tali mod li s-sostituzzjoni ma tkunx teħtieġ aċċess għall-partijiet issiġillati metroloġikament tas-sistema tal-kejl għall-EVSE, jew li dawn jitkissru.*

Is-sostituzzjoni tal-kejbil b'konnettur ma għandhiex taffettwa l-proprjetajiet metroloġiċi tas-sistema tal-kejl għall-EVSE.

5. L-effetti permissibbli

5.1. Kummenti ġenerali

Is-sistema tal-kejl għall-EVSE għandha tkun iddisinjata u mmanifatturata b'tali mod li meta tiġi esposta għal interferenzi ma jseħħux ħsarat kritiċi ***u l-bidliet fl-eżattezza tal-kejl ma jaqbżux il-valuri mogħtija fil-punti 5.2 u 5.3.***

Meta jkun hemm riskju għoli prevedibbli minħabba sajjetti jew meta n-networks tal-alforniment fil-għoli jkunu predominanti, il-karatteristiċi metroloġiċi tas-sistema tal-kejl għall-EVSE għandhom jiġu protetti.

5.2. L-effett ***tal-interferenzi***

Fil-każ ta' interferenza, id-data legalment rilevanti għandha tkun korretta jew iċ-ċaqliq fl-eżattezza ***tal-kejl*** ma għandhiex taqbeż 1,0 taż-ŻMPB anke jekk is-sistema tal-kejl għall-EVSE tkun tidher li qed tiffunzjona b'mod korrett. Li tieqaf tiffunzjona ma titqiesx ħsara kritika. Jekk interferenza tinterrompi tranżazzjoni, għandha tapplika waħda minn dawn li ġejjin:

- (a) it-tranżazzjoni ***tiġi konkluzja meta sseħħ l-interferenza***; jew
- (b) it-tranżazzjoni ***tkompli*** meta titneħħa l-interferenza.

5.3. L-effett tal-kwantitajiet ta' influwenza

Meta l-kurrent tat-tagħbija jinżamm kostanti f'punt fil-firxa operattiva stipulata bis-sistema tal-kejl għall-EVSE li tkun qed tiġi operata mod ieħor f'kundizzjonijiet ta' referenza, u meta kwalunkwe kwantità ta' influwenza waħda tiġi varjata mill-valur tagħha fil-kundizzjonijiet ta' referenza għall-valuri estremi tagħha speċifikati fit-Tabelli 3 u 4, il-varjazzjoni fl-iżball għandha tkun tali li l-iżball perċentwali addizzjonali ma jkunx barra mill-valuri għaċ-ċaqliq tal-iżball speċifikati **fit-Tabelli 3 u 4**. Is-sistema tal-kejl għall-EVSE għandha tkompli tiffunzjona wara t-tlestija ta' kull wieħed minn dawk it-testijiet.

Tabella 3

Il-kwantità ta' influwenza	Il-kurrent	Il-limiti għall-koeffiċjent tat-temperatura (%/K) <i>għas-sistema tal-kejl</i> għall-EVSE tal-klassi			It-tip ta' kurrent
		A (2 %)	B (1 %)	C (0,5 %)	
Il-koeffiċjent tat-temperatura, c, fuq kwalunkwe intervall tal-firxa tat-temperatura, li ma jkunx inqas minn 15 K u mhux ikbar minn 23 K (i)	$I_{tr} \leq I \leq I_{max}$	$\pm 0,1$	$\pm 0,05$	$\pm 0,03$	AC u DC

Tabella 4

Il-kwantità ta' influwenza	Il-valur	Il-kurrent	Iċ-ċaqliq fl-iżball massimu permissibbli (%) għas-sistema tal-kejl għall-EVSE tal-klassi			It-tip ta' kurrent
			A (2 %)	B (1 %)	C (0,5 %)	
L-awtototishin	Il-kurrent kontinwu fI_{max}	I_{max}	± 1	$\pm 0,5$	$\pm 0,25$	AC u DC
L-interferenzi kondotti, frekwenza baxxa	2 kHz – 150 kHz	$I_{tr} \leq I \leq I_{max}$	± 3	± 2	± 2	AC u DC
L-induzzjoni manjetika kontinwa (DC) ta' orġini esterna	200 mT fi 30 mm mill-wiċċ tal-qalba manjetika	$I_{tr} \leq I \leq I_{max}$	± 3	$\pm 1,5$	$\pm 0,75$	AC u DC
Il-kamp manjetiku (AC, frekwenza tal-enerġija) ta' orġini esterna (ii)	400 A/m	$I_{tr} \leq I \leq I_{max}$	$\pm 2,5$	$\pm 1,3$	$\pm 0,5$	AC u DC

Il-kampijiet elettromanjetiċi rradjati, RF	$f = 80 \text{ MHz} - 6000 \text{ MHz}$, Intensità tal-kamp $\leq 10 \text{ V/m}$	$I_{tr} \leq I \leq I_{max}$	± 3	± 2	± 1	AC u DC
L-interferenzi kondotti, indotti mill-kampijiet tal-frekwenza tar-radju (ii)	$f = 0,15 \text{ MHz} - 80 \text{ MHz}$, Amplitudni $\leq 10 \text{ V}$	$I_{tr} \leq I \leq I_{max}$	± 3	± 2	± 1	AC u DC
It-tħaddim ta' apparati anċillari	L-apparati anċillari mħaddma $b'I = I_{tr}$ u I_{max}	$I_{tr} \leq I \leq I_{max}$	$\pm 0,7$	$\pm 0,3$	$\pm 0,15$	AC u DC
Il-varjazzjoni fil-vultaġġ (ii)	$0,9 \times U_n$ għal $1,1 \times U_n$	$I_{tr} \leq I \leq I_{max}$	± 1	$\pm 0,7$	$\pm 0,2$	AC
Il-varjazzjoni fil-frekwenza tal-mejns (ii)	Kull $f_n \pm 2\%$	$I_{tr} \leq I \leq I_{max}$	$\pm 0,8$	$\pm 0,5$	$\pm 0,2$	AC
L-armoniki fiċ-ċirkwiti tal-vultaġġ u tal-kurrent (ii)	$d < 5\%$ I d $< 10\%$ U	$I_{tr} \leq I \leq I_{max}$	± 1	$\pm 0,6$	$\pm 0,3$	AC
Is-sekwenza tal-fażi bil-maqlub (AC trifażi biss) (ii)	Kwalunkwe żewġ fażijiet interkambjati	$I_{tr} \leq I \leq I_{max}$	$\pm 1,5$	$\pm 1,5$	$\pm 0,1$	AC

In-noti dwar it-tabella:

- (i) Fil-każ ta' sistema tal-kejl għall-EVSE b'arloġġ ***tal-enerġija elettrika attiva li għaliha tkun tlestiet b'suċċess proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità f'konformità mal-Anness V ta' din id-Direttiva***, it-test tat-temperatura jista' jiġi limitat għal verifika tal-funzjonament korrett fit-temperaturi estremi previsti fis-sistema tal-kejl għall-enclosure tal-EVSE.
- (ii) Mhux meħtieġa ■ għal sistema ***tal-kejl*** għall-EVSE b'arloġġ ***tal-enerġija elettrika attiva li għaliha tkun tlestiet b'suċċess proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità f'konformità mal-Anness V ta' din id-Direttiva*** jekk l-ispeċifikazzjonijiet ■ jissodisfaw jew jeċċedu dawk tal-klassi tal-eżattezza speċifikata mill-manifattur.

6. L-unitajiet

L-enerġija elettrika mkejla għandha tintwera f'kilowatt-sigħat jew ***fil-multipli deċimali tagħhom***.

7. *It-tidhil fl-użu*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-użu maħsub jiddetermina l-kundizzjonijiet tat-tħaddim prattiċi previsti u prevedibbli, jiġifieri l-kundizzjonijiet operattivi stipulati, sabiex is-sistema tal-kejl għall-EVSE tkun adattata għall-użu tagħha.

IL-VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ

Il-proċeduri għall-valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikolu 17 li l-manifattur jista' jagħżel minn fosthom huma:

B + F jew B + D jew **G** jew H1. **■** ".

ANNEX V

L-Anness VI tad-Direttiva 2014/32/UE huwa emendat kif ġej:

(1) il-parti "ID-DEFINIZZJONIJIET" hija emendata kif ġej:

(a) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Arloġġ tal-enerġija termali huwa strument iddisinjat biex ikejjel l-enerġija li f'ċirkwit tal-iskambju tas-sħana, tiġi assorbita (tkessiġ) u/jew tiġi rilaxxata (tisħin) minn likwidu li jissejjaħ il-likwidu li jagħti l-enerġija termali.";

(b) fit-tabella, ir-raba' ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

" $\Delta\theta$	=	id-differenza fit-temperatura $\theta_{in} - \theta_{out}$ b' $\Delta\theta \geq 0$ għat-tisħin u $\Delta\theta \leq 0$ għat-tkessiġ";
------------------	---	--

(2) il-parti "IR-REKWIŻITI SPEĊIFIĊI" hija emendata kif ġej:

(a) il-punt 1.1. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.1. Għat-temperatura tal-likwidu: θ_{max} , θ_{min} ,

– għad-differenzi fit-temperatura: $\Delta\theta_{max}$, $\Delta\theta_{min}$, soġġetti għar-restrizzjonijiet li ġejjin:

$$\Delta\theta_{max} / \Delta\theta_{min} \geq 10$$

bl-eċċezzjoni tal-applikazzjonijiet tat-tkessiġ;

$\Delta\theta_{min}$ huwa numru sħiħ fil-firxa ta' 1 K u 10 K";

(b) il-punt 1.3. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.3. Għar-rati tal-fluss tal-likwidu: q_s , q_p , q_i , fejn il-valuri ta' q_p u q_i huma soġġetti għar-restrizzjoni li ġejja: $q_p / q_i \geq 5$."

ANNEX VI

"ANNEX VIIa

IS-SISTEMI TAL-KEJL GĦAD-DISTRIBUTURI TAL-GASS IKKOMPRESSAT (MI-012)

Ir-rekwiżiti rilevanti tal-Anness I, ir-rekwiżiti speċifiċi ta' dan l-Anness u l-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità elenkati f'dan l-Anness japplikaw għas-sistemi tal-kejl maħsuba għall-kejl kontinwu u dinamiku tal-kwantitajiet (il-massa **u, jekk applikabbli**, l-enerġija) ta' gassijiet ikkompressati (CG).

■ Tali sistemi tal-kejl ma għandhomx jitqiesu bħala strumenti tal-kejl tal-utilitajiet ***kif imsemmi fl-Anness I.***

ID-DEFINIZZJONIJIET

Arloġġ	Strument iddisinjat biex ikejjel kontinwament <i>u jiżgura l-memorizzazzjoni u l-wiri tal-kwantità ta' gass</i> , fil-kundizzjonijiet tal-kejl, li tgħaddi mit-transducer tal-kejl f'conduit magħluq, iċċarġjat kompletament.
Kalkolatur	Parti minn arloġġ li jirċievi s-sinjali tal-ħruġ mit-transducers tal-kejl u possibbilment, minn strumenti tal-kejl assoċjati u juri r-riżultati tal-kejl.

Strument assoċjat tal-kejl	Strument imqabba mal-kalkolatur għall-kejl ta' ċerti kwantitajiet, li huma karatteristiċi tal-gass, bil-ħsieb li jagħmel korrezzjoni u/jew konverżjoni.
Apparat tal-konverżjoni	Parti mill-kalkolatur, li billi tqis il-karatteristiċi tal-gass, awtomatikament tikkonverti l-massa tal-gass fl-ammont ta' enerġija mwassla jew riċevuta.
Sistema tal-kejl	Sistema li tinkludi, minbarra l-arloġġ innifsu, punt tat-trasferiment, pajpijiet tal-gass u l-apparati kollha meħtieġa biex jiżguraw il-kejl korrett jew maħsuba biex jiffaċilitaw l-operazzjonijiet tal-kejl.
Distributur tal-gass ikkompresat	Sistema maħsuba għall-forniment tal-vetturi (bħal vetturi <i>bil-magna</i> , magni ferrovjarji, dgħajjes, bastimenti u inġenji tal-ajru) bil-fjuwil gassuż ikkompresat.
Punt tat-trasferiment	Il-post fiżiku fejn il-gass jiġi ddefinit bħala li ġie kkonsenjat jew riċevut.
Arranġament self-service	Arranġament li jippermetti lill-klijenti jużaw sistema tal-kejl bil-fini li jiksibu l-gass għall-użu tagħhom stess.

Apparat self-service	Apparat speċifiku li jkun parti minn arranġament self-service u li jippermetti li sistema tal-kejl waħda jew iktar jaħdmu f'dak l-arranġament self-service.
Kwantità minima mkejla ("MMQ")	L-iżgħar kwantità ta' gass li għaliha l-kejl ikun aċċettabbli metroloġikament għas-sistema tal-kejl.
Indikazzjoni diretta	L-indikazzjoni tal-massa u, jekk applikabbli , tal-enerġija, korrispondenti għall-kejl li l-arloġġ ikun kapaċi jkejje fiżikament. Nota: L-indikazzjoni diretta tista' tiġi kkonvertita fi kwantità speċifika oħra bl-użu ta' apparat tal-konverżjoni.
Li tista' tiġi interrotta	Sistema tal-kejl titqies bħala waħda li tista' tiġi interrotta meta l-fluss tal-gass ikun jista' jitwaqqaf faċilment u malajr.
Li ma tistax tiġi interrotta	Sistema tal-kejl titqies bħala waħda li ma tistax tiġi interrotta meta l-fluss tal-gass ma jkunx jista' jitwaqqaf faċilment u malajr.
Firxa tar-rata tal-fluss	Il-firxa bejn ir-rata minima tal-fluss (Q_{\min}) u r-rata massima tal-fluss (Q_{\max}).

IR-REKWIŻITI SPEĊIFIĊI

1. Il-kundizzjonijiet operattivi stipulati

Il-manifattur għandu jispjega l-kundizzjonijiet operattivi stipulati għas-sistema tal-kejl, b'mod partikolari:

1.1. Il-firxa tar-rata tal-fluss

Il-firxa tar-rata tal-fluss hija soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-firxa tar-rata tal-fluss ta' sistema tal-kejl għandha tkun fil-firxa tar-rata tal-fluss ta' kull wieħed mill-elementi tagħha, b'mod partikolari l-arloġġ; **u**
- (b) ■ il-proporzjon bejn ir-rata tal-fluss ■ massima **u minima** ma għandux ikun inqas minn 10.

1.2. Il-proprjetajiet tal-gass li jridu jitkejlu mill-istrument billi jiġu speċifikati l-isem, it-tip jew il-karatteristiċi rilevanti li ġejjin ta' dak il-gass bħal:

- (a) il-firxa tat-temperatura;
- (b) il-firxa tal-prensa;
- (c) il-valur **kalorifiku** tal-gass;
- (d) in-natura u l-karatteristiċi tal-gass li jridu jitkejlu.

1.3. Il-valur nominali tal-provvista tal-vultaġġ AC u/jew il-limiti tal-provvista tal-vultaġġ DC.

2. Il-klassifika tal-eżattezza u ż-ŻMP

2.1. Iż-ŻMP fuq l-indikazzjoni tal-ammonti mkejla jew ikkonvertiti ttrasferiti fil-punt tat-trasferiment huwa stabbilit fit-Tabella 1.

Tabella 1

It-tip tas-sistemi tal-kejl tal-gass ikkompresat	Il-klassi tal-eżattezza (ŻMP [% tal-valur imkejje])
Is-sistemi tal-kejl tal-idroġenu ikkompresat	2,0
Sistemi oħra tal-kejl tal-gass ikkompresat	1,5

Iż-ŻMP fuq l-MMQ huwa ugwali għad-doppju tal-valur mogħti fit-Tabella 1.

2.2. L-MMQ ta' sistema tal-kejl għandu jkollu l-forma $1 \times 10_n$, $2 \times 10_n$, jew $5 \times 10_n$ unitajiet awtorizzati tal-massa jew tal-enerġija, fejn n ikun numru sħiħ pożittiv jew negattiv, jew żero.

L-MMQ għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-użu tas-sistema tal-kejl; ħlief f'każijiet eċċezzjonali, is-sistema tal-kejl ma għandhiex tintuża għall-kejl ta' kwantitajiet inqas minn dak l-MMQ.

2.3. Is-sistema tal-kejl ma għandhiex tisfrutta ż-ŻMP jew tivvantaġġa sistematikament lil xi parti.

3. L-effett massimu permissibbli tal-interferenzi

3.1. L-effett ta' interferenza elettromanjetika fuq sistema tal-kejl għandu jkun wieħed minn dawn li ġejjin:

- (a) il-bidla fir-riżultat tal-kejl ma tkunx ikbar mill-valur kritiku tal-bidla skont il-punt 3.2;
- (b) l-indikazzjoni tar-riżultat tal-kejl turi varjazzjoni mumentanja li ma tistax tiġi interpretata, memorizzata jew trażmessa bħala riżultat tal-kejl; barra minn hekk, fil-każ ta' sistema li tista' tiġi interrotta, dan jista' jfisser ukoll l-impossibbiltà li jitwettaq kwalunkwe kejl; **jew**
- (c) il-bidla fir-riżultat tal-kejl tkun ikbar mill-valur kritiku tal-bidla skont il-punt 3.2, f'liema każ is-sistema tal-kejl għandha tippermetti l-irkupru tar-riżultat tal-kejl eżatt qabel ma jseħħ il-valur kritiku tal-bidla u taqta' l-fluss.

3.2. Il-valur kritiku tal-bidla huwa l-ikbar wieħed mill-valuri li ġejjin:

- **10 %** taż-ŻMP;
- **3 % tal-MMQ**; fil-każ ta' nuqqas fis-sors prinċipali tal-enerġija, il-valur kritiku tal-bidla għandu jiżdied b'5 % tal-MMQ.

4. It-tul taż-żmien li fih jibqa' jaħdem tajjeb

Għal sistemi mgħammra b'arloġġi b'partijiet li jiċċaqilqu, wara li jkun sar test xieraq tat-tul taż-żmien li fih jibqa' jaħdem tajjeb, filwaqt li jitqies il-perjodu taż-żmien stmat mill-manifattur, għandu jiġi ssodisfat il-kriterju li ġej:

il-varjazzjoni fir-riżultat tal-kejl wara tali test tat-tul taż-żmien li fih jibqa' jaħdem tajjeb, meta mqabbel mar-riżultat inizjali tal-kejl, ma għandhiex taqbeż żewġ kwinti taż-ŻMP.

5. L-adegwatezza

5.1. Għal kwalunkwe kwantità mkejla relatata mal-istess kejl, l-indikazzjonijiet u, jekk applikabbli, il-kopji stampati pprovduti minn apparati varji, ***inklużi dawk l-apparati li jagħmlu parti minn arranġament self-service***, għandu jkollhom l-istess intervall fl-iskala u r-riżultati ma għandhomx jiddevjaw minn xulxin.

L-intervall fl-iskala ta' sistema tal-kejl CG ma għandux jaqbeż 1,5 % tal-MMQ.

- 5.2. Ma għandux ikun possibbli li tiġi ddevjata l-kwantità mkejla fil-kundizzjonijiet normali tal-użu dment li ma tkunx apparenti minnufih.
- 5.3. Matul il-ħin tat-tiżhin tas-sistema tal-kejl CG, ma għandu jsir l-ebda kejl.
- 5.4. L-istrumenti għall-bejgħ dirett
- 5.4.1. Sistema tal-kejl għall-bejgħ dirett għandha tiġi pprovduta bil-mezzi biex l-unità tal-wiri terġa' tiġi ssettjata għal zero.
- Ma għandux ikun possibbli li l-gass imkejjel jiġi ddevjat 'l isfel mill-arloġġ waqt operazzjoni ta' mili.
- 5.4.2. Il-wiri tal-kwantità li fuqha tkun ibbażata t-tranżazzjoni għandu jdum sakemm il-partijiet kollha fit-tranżazzjoni jkunu aċċettaw ir-risultati tal-kejl.
- 5.4.3. Is-sistemi tal-kejl għall-bejgħ dirett għandhom ikunu jistgħu jiġu interrotti.
- 5.4.4. Is-sistemi tal-kejl għall-bejgħ dirett għandhom juru r-risultati tal-kejl f'unitajiet tal-massa ***u, jekk applikabbli***, tal-enerġija.

5.5. *Ir-rekwiżiti addizzjonali għall-unità tal-wiri*

5.5.1. Ma għandux ikun possibbli li l-unitajiet tal-wiri fuq is-sistemi tal-kejl jerġgħu jiġu ssettjati għal zero waqt kejl.

5.5.2. Il-bidu ta' kull kejl ġdid għandu jiġi bblukkat sa ma l-unità tal-wiri tkun reġgħet ġiet issettjata għal zero.

5.5.3. Meta sistema tal-kejl tkun mgħammra b'unità tal-wiri tal-prezz, id-differenza bejn il-prezz indikat u l-prezz ikkalkulat mill-prezz ta' unità u l-kwantità indikata ma għandhiex taqbeż l-iżgħar unità tal-munita. Madankollu, mhuwiex meħtieġ li dik id-differenza tkun inqas mill-iżgħar valur monetarju.

6. In-nuqqas tal-provviediment fil-provvista tal-enerġija

Sistema tal-kejl għandha jew tiġi pprovduta b'apparat ta' emerġenza għall-provvista tal-enerġija li jissalvagwardja l-funzjonijiet kollha tal-kejl matul in-nuqqas tal-apparat prinċipali tal-provvista tal-enerġija jew tkun mgħammra b'mezzi biex tissejvja u turi d-data preżenti sabiex tippermetti l-konklużjoni tat-tranżazzjoni li tkun tinsab għaddejja u b'mezzi biex twaqqaf il-fluss tal-gass fil-mument ta' nuqqas fl-apparat prinċipali tal-provvista tal-enerġija.

7. L-unitajiet tal-kejl

Il-kwantità mkejla għandha tintwera ***f'kilogrammi, jew fil-multipli jew is-submultipli deċimali tagħhom, u, jekk applikabbli, f'joules jew f'watt-sigħat, jew il-multipli deċimali tagħhom.***

IL-VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ

Il-proċeduri għall-valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikolu 17 li l-manifattur jista' jagħżel minn fosthom huma: B + F jew B + D jew H1 jew G."